**KUMITAT TAR-REGJUN CENTRALI**

# MINUTI

## SEDUTA Nru. 33

It-Tnejn, 25 ta' Marzu, 2013

Il-Kumitat tar-Regjun Centrali ltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida, Pjazza Menqa, Msida, fis-6.00pm.

Il-President, Dr. Malcolm Mifsud ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti il-President Dr. Malcolm Mifsud, Sindku Tal-Pieta`, il-Vici President is-Sur Peter Bonello, Sindku San Giljan, is-Sur Joe Camilleri, Kunsillier il-Gzira, is-Sur Stefan Cordina, Sindku H'Attard, is-Sur Anthony Chircop, Sindku Tas-Sliema, is-Sinj. Margaret Baldacchino Cefai, Vici Sindku Msida, is-Sur Horace Anastasi, Sindku Sta. Venera, Dr. Ian Castaldi Paris, Sindku Hal-Lija, is-Sur Etienne Bonello DuPuis, Sindku San Gwann u s-Sur Anthony Dalli, Sindku Iklin.

**TALBA**

Il-President qal it-talba.

**MINUTI**

Il-minuti tas-Seduta Nru. 32 li saret nhar it-Tnejn, 28 ta' Jannar, 2013, kienu approvati unanimament.

**HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

Il-President qal li kif kien gie deciz fis-Seduta precedenti, huwa kien informa lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bid-decizjoni li fil-principju, il-Kumitat ma jsibx oggezzjoni sabiex il-Kunsill Lokali Valletta jissieheb mal-Kumitat tar-Regjun Centrali. Madankollu ghandu jkun hemm aktar diskussjonijiet sabiex l-operat ikun aktar car.

Is-Sur Joe Camilleri qal li biex isir dan trid tinbidel il-Legal Notice.

Il-Vici President fakkar fit-talbiet simili li kienu saru mill-Kunsilli Lokali tas-Swieqi u Pembroke u li dawn ma kenux gew accettati.

Il-President qal li d-differenza bejn iz-zewg kazijiet hija li l-Kunsilli Lokali tas-Swieqi u Pembroke kienu ghamlu t-talba taghhom direttament lir-Regjun filwaqt li l-Belt ressqu t-talba ghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali u d-Dipartiment ikkonsulta mar-Regjun.

**KORRISPONDENZA**

- Ir-Regjun gie nfurmat minn Relos Services Ltd. li bi zvista kienu ntbghatu kontijiet ghal hlas tal-kera ta' l-ufficcju tar-Regjun f'San Gwann b'figuri li kienu jissarfu f'sitt xhur kerha minflok tlieta. Ghaldaqstant inharget Credit Note ghal sena shiha kera lir-Regjun fil-valur ta' €19,382.99. Ir-Regjun unanimament qabel dwar dan.

**MISTOQSIJIET**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**KOMUNIKAZZJONI TAL-PRESIDENT**

Il-President qal li din kienet l-ahhar laqgha tieghu fir-Regjun u ghalhekk xtaq jirringrazzja lil kulhadd li hadem mieghu f'dan il-perjodu. Huwa qal li kienet esperjenza sabiha hafna li fiha inbdew ir-Regjuni ghalkemm kien hemm xi drabi fejn ma kienx hemm qbil. Kienet sfida biex jinholoq is-*set-up* tar-Regjun bil-problemi kollha tal-bidu. Madankollu issa hemm bazi tajba biex wiehed ikompli jahdem. Huwa awgura success lir-Regjun u jemmen li dan ir-Regjun jista' jifjorixxi aktar specjalment fejn jidhlu fondi ta' l-EU.

Dwar il-hatra ta' President gdid, huwa qal li kien gie mahtur President wara l-elezzjonijiet ta' l-AKL.  Ghalhekk ressaq mozzjoni, ssekondata mis-Sur Anthony Chircop, sabiex "ir-Regjun jahtar lis-Sur Peter Bonello bhala firmatarjutal-kontijiet kollha u jsir ukoll il-President tar-Regjun".  Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Il-President il-gdid, is-Sur Peter Bonello, irringrazzja lill-membri kollha tal-fiducja u f'isem ir-Regjun irringrazzja wkoll lil Dr. Malcolm Mifsud tax-xoghol kollu li ghamel f'dan il-Kumitat.

Is-Sur Joe Camilleri qal li jixtieq li l-lokalitajiet kollha ikunu aktar prezenti ghal-laqghat tar-Regjun.

**APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS***

Il-President, ssekondat mill-Vici President, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 33.  Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con*.

**TMIEM**

Fis-7.00pm intemmet is-Seduta.

Simon Cauchi
A.Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Dr. Malcolm Mifsud
President